MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 215/2006

**Maltacom plc**

**vs**

**International Call Management Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li bih is-socjeta` rikorrenti ippremettiet:

1. Is-socjeta` Maltacom p.l.c. ipprestat diversi servizzi telefonici lis-socjeta` intimata skond l-anness dokument markat *'Dok A'*;

2. Is-socjeta` intimata ghandha taghti lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` dsatax-il elf, disgha mija, tmienja u erbghin Lira Maltija disgha u sebghin centezmu (Lm19,948.79), u

dan skond il-prospett hawn anness u markat bhala *‘Dok B’*;

3. Is-socjeta` intimata nterpellata anke permezz ta` ittra ufficcjali datata 19 ta` Jannar, 2006, biex thallas, baqghet inadempjenti;

4. Il-Prokuratur Legali Noel Scerri huwa mpjegat tas-socjeta` Maltacom p.l.c. u jaf b`dawn il-fatti personalment.

5. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talbu lis-socjeta` intimata tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

Tiddeciedi dan ir-rikors bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta` l-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta;

Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` dsatax-il elf, disgha mija, tmienja u erbghin Lira Maltija disgha u sebghin centezmu (Lm19,948.79), rapprezentanti kera u konsum ghas-servizzi telefonici kif jinghad fuq, u skond id-dokument anness markat *‘Dok A’*;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta` ittra ufficcjali datata 19 ta` Jannar, 2006, dawk tat-taxxa tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali, tal-mandat ta` sekwestru li qed jigi prezentat u mahluf kontestwalment ma` dan ir-rikors u bl-imghaxijiet mid-data ta` l-imsemmija ittra ufficcjali, kontra s-socjeta` intimata, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lis-socjeta` intimata li naqset li tipprezenta risposta u hekk baqghet kontumaci;

Semghet il-Prokuratur Legali tas-socjeta` rikorrenti;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tas-socjeta` intimata tiddeciedi billi tilqa` t-talba tas-socjeta` rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra s-socjeta` ntimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------